**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Camilleri**

Numru: 14/2017

Illum 1 ta' Dicembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Joseph Camilleri,** ta' tnejn u erbghin (42) sena, iben Emanuel u Pauline nee' Micallef, imwieled Sydney, Awstralja, fil-15 ta' Lulju 1974, u residenti fil-fond 'St. Joseph Court', Block B, Flat 6, Triq Sir Paul Boffa, Rabat, Ghawdex, detentur tan-numru tal-Karta tal-Identita` 458091(M);

1. Billi hu akkuzat talli fil-perjodu ta' bejn 12 ta' Frar 2004 u 15 ta' Ottubru 2008, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u

li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, bhala l-propjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond u cioe' 'Perla', Triq Arcipriet Guzeppi Grech, Xewkija, Ghawdex, b'mezzi qarrieqa li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata fil-fond, hawn fuq imsemmi, ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' €6,197.48 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huma kkwalifikat bil-mezz, hin u valur;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 89) datata 30 ta' Ottubru 2017 li permezz taghha baghat lill-imputat Joseph Camilleri biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1)(2), 267, 270, 278(1)(2)(3)(4), 20, 279(a)(b), 280(1)(2), 281(a) u 283 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 90), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Ottubru 2017, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet sottomissjonijiet da parte ta' Dr. Mario Scerri ghall-imputat.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Illi wara li kienet giet prezentata kwerela mill-Korporazzjoni Enemalta, is-socjeta` derubata, il-pulizija ressqet lill-imputat il-Qorti u xlietu li bhala l-proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond u cioe' 'Perla', Triq Arcipriet Guzeppi Grech, Xewkija, Ghawdex, b'mezzi qarrieqa baghbas il-meter tad-dawl. Dan il-kaz sehh fi sfond ta' separazzjoni matrimonjali kkumbattuta bejn l-imputat u martu. Il-Korporazzjoni Enemalta stmat li l-imputat ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' €6,197.48. Il-pulizija ma ghamlet l-ebda investigazzjoni u strahet fuq dak li qalulha l-EneMalta. F'dan il-kaz la l-Prosekuzzjoni u lanqas il-parte civile ma talbu biex jinhatar espert mill-Qorti biex jezamina l-meter allegat imbaghbas.

**Xhieda**

F'dan il-kaz il-Qorti semghet tlettax (13)–il xhud:

Mario Pavia (a fol. 11 et seq.), Mark Said (a fol. 19), Mario Pavia (a fol. 20 et seq.), Raymond Camilleri (a fol. 22 et seq.), Benny Mercieca

(a fol. 24 et seq.), Joe Buttigieg (a fol. 27 et seq.), Nadia Vella (a fol. 36 et seq.), Michael Buttigieg (a fol. 42 et seq.), Michael Buttigieg (a fol. 60 et seq.), Mario Pavia (a fol. 62 et seq.), PS676 Edelon Spiteri (a fol. 70), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 74 et seq.) u Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 85).

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Livell ta' prova**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li

l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis- sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzati jigu ddikjarati hatja, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il- Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

Il-Qorti se tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputat.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **Il-Pulizija vs Saviour Tabone**[1]**:**

> Fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad testwalment:
>
> > "Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent ta' l-

[1] Magistrat Dr Edwina Grima; Dec. 18.03.2010. Ara wkoll decizjonijiet **Il-Pulizija vs Peter Bugeja**, Dec. 13 ta' Jannar 2011 u **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri et** Dec. 20 ta' Gunju 2013.

> elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehudha jew kunsmata jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz."

Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 1990 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Abela**, bhala "presunzjoni feroci" u kompliet tghid: "La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett … il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar."

Issa l-fatt illi is-sigill ta' fuq kien miksur sabiex ghalhekk l-cover tal-meter tad-dawl seta' jinqala facilment kif ukoll il-fatt li kien hemm it-trab fuq gewwa tal-meter tad-dawl ma jwassalx necessarjament ghal konkluzjoni illi kien hemm serq tal-kurrent tal-elettriku. Jista' jkun hemm suspett illi dana seta' sehh minhabba l-fatti indikati mill-espert, izda minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi verament dana kien il-kaz……

Illi kif ikkonkludiet il-Qorti fis-sentenza hawn fuq iccitata **"din il-Qorti qatt ma wasslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett."** Illi ghalkemm jista' ikun hemm suspett f'dana l-kaz, madanakollu dina l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuza migjuba kontrieh. [enfasi tal-Qorti]

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Allen Debono** u **Il-Pulizija vs Alessandro**

**Debono**[2], li xhud, anke jekk mill-esperjenza professjonali tieghu jasal ghal certu konkluzjonijiet, huwa jista' jixhed biss u ma jistax jaghti opinjoni. F'dan il-kaz ma nhatarx espert la fi stadju ta' investigazzjoni u lanqas saret talba biex waqt dawn il-proceduri l-Qorti tahtar espert biex jghid jekk kienx hemm serq ta' elettriku u dan fil-kuntest tal-Artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali:

> Illi meta l-Ewwel Qorti iddikjarat tali prova bhala wahda inammissibbli skont il-ligi hija strahet fuq dak dispost fl-artikolu 650(1) tal-Kap.9. billi tali xhud ma setatx taghti l-fehma taghha fil-kapacita taghha professjonali bhala psikologa jekk din ma tkunx giet innominata mill-Qorti sabiex thejji perizja fuq il-kaz. L-Avukat Generali, izda isostni illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta id-deposizzjoni tax-xhud fit-totalita taghha izda kien ammissibbli dak il-parti tar-rapport kif ukoll tax-xhieda fejn gew deskritti fatti mill-istess xhud bhal per ezempju dak li kienet stqarret maghha l-minuri u allura kienet inammissibli biss f'dik il-parti fejn hija esprimiet l-parir taghha professjonali.
>
> Issa huwa minnu illi l-artikolu 650 tal-Kap.9, iccitat mill-Ewwel Qorti huwa deroga ghar-regola generali dwar l-ammissibilita ta' xhieda minn esperti *ex parte* li jitkellem dwaru l-artikolu 563A tal-Kapitolu 12 rez applikabbli ghad-dritt procedurali penali permezz ta' l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex ghalkemm fid-dritt procedurali l-emenda introdotta bl-Att XXIV tal-1995, l-opinjoni ta' espert *ex parte* giet reza ammissibbili u dan diment illi l-qorti tivverifika illi tali xhud ikollu il-kwalifiki mehtiega, tali regola ma

[2] **Il-Pulizija vs Allen Debono**, Qorti tal-Appell Kriminali, per Imhallef Dr Edwina Grima, deciza fis-26 ta' Jannar 2017; Appell. Nru. 218/2015. Ara ukoll **Il-Pulizija vs Allessandro Debono** deciz mill-istess Qorti; Appell Nru.219/2015.

sabitx applikazzjoni fil-kamp penali u dan meta l-artikolu 650 jiddisponi espressament, kif gustament irrilevat l-Ewwel Qorti, illi:

**"Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja."**

L-Avukat Generali ma jiddibattiex dan il-punt ta' dritt, izda jishaq illi f'dik il-parti tar-rapport u xhieda ta' l-espert fejn hija kienet qed taghti rendikont ta' fatti li sehhew tali prova kienet wahda ammissibbli u ma kellhiex tigi skartata.

*"Illi huwa principju ormai accettat li sakemm l-inkarigu espletat minn tali espert <u>ikun biss kwistjoni ta` kostatazzjoni ta` stat ta` fatt</u>, ir-rapport taghhom f'dak is-sens huwa ammissibbli, bhala prova valida. Huma l-opinjonijiet u l-konkluzjonijiet komparattivi taghhom li m'ghandhomx valur probatorju. Galadarba l-posizzjoni hija li rapport ta` dawn l-esperti, li jikkontjenu opinjonijiet u rizultanzi ta` xi ezamijiet minnhom maghmula, huma nulli u bla ebda effett probabtorju, taghmel sens li Qorti, anke minn jeddha, minkejja li ma jkunx hemm oggezzjoni ghal dawn l-esperti mid-difiza, tiddecidi billi tiskarta ghal kollox tali opinjonijiet u rapporti." – Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melcior Spiteri deciza App.Inf 16/12/1998…..*

Kwindi ghalkemm huwa minnu illi l-espert fir-rapport u anke fix-xhieda taghha tirrakonta dak li tghid il-minuri, madanakollu <u>dan sar permezz ta' metodologija addotata minnha fil-qafas professjonali taghha u kwindi gjaldarba din saret mhux minn espert nominat mill-qorti jew f'xi inkjesta magisterjali, ikun ferm perikoluz illi dan ir-rapport jigi ammessa bhala prova indipendenti fl-atti</u>……Kwindi din il-Qorti hija tal-istess fehma bhall-Ewwel Qorti illi tali prova ghandha titqies bhala wahda inammissibbli. Dak li kellha taghmel il-

> Prosekuzzjoni f'dan il-kaz huwa li titlob in-nomina ta' espert specjalizzat…[enfasi tal-Qorti]

F'sentenza ohra li se tikkwota l-Qorti hija dwar imputat li ma kienx hu l-uniku persuna li kellha access fil-perjodu investigat[3]:

> Illi gie ippruvat ukoll illi l-meter tad-dawl in kwistjoni jinsab f'post illi huwa facilment accessibbli ghal kull min jidhol fil-blokk ta' appartament in kwistjoni inkluz deliveryman, postman, tal-halib ecc.

L-istess fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Micallef**[4] l-istess Qorti qalet:

> Illi l-imputata xehdet f'dawn l-atti u qalet illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien inqataghlhom id-dawl fil-flat mikri lilhom. Hija xehdet ukoll illi hemm diversi kawzi pendenti bejnietha u r-ragel taghha u s-Sur Fenech, is-sid tal-flat fejn huma jirrisjedu, u xehdet ukoll illi l-meter tad-dawl in kwistjoni kien f'armarju fil-parti komuni tal-flat isfel, l-armarju jissakkar bic-cavetta u c-cavetta hija imdendla mal-hajt permezz ta' musmar u ghalhekk hija accessibbli ghal kullhadd. Hija cahdet illi qatt baghbset mal-meter tad-dawl in kwistjoni.
>
> Illi l-Qorti tara illi l-imputati irnexxielhom jeghlbu l-presunzjoni illi l-Ligi timponi kontra taghhom f'kazijiet simili u dana peress illi l-meter tad-dawl in kwistjoni ma kienx accessibbli ghalihom biss, izda ghal kwalunkwe persuna li setghet facilment taqbad ic-cavetta, tiftah l-armarju fejn kien hemm il-meter tad-dawl in kwistjoni u tbaghbas l-istess meter tad-dawl. Irrizulta wkoll illi l-imputati fuq imsemmija

---

[3] **Il-Pulizija vs Joseph Gauci**, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Abigail Lofaro, deciza 10 ta' Jannar 2002
[4] Deciza fid- 19 ta' Mejju, 2004

ghandhom diversi problemi u anke kawzi civili pendenti mal-proprjetarju tal-fond mikri lilhom.

Ghaldaqstant il-Qorti tara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-akkuzi odjerni kontra l-imputati fuq imsemmija sal-grad rikjest mill-Ligi u ghaldaqstant filwaqt illi qeghda tiddikjara lill-istess imputati mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom qeghda tilliberahom minn kull imputazzjoni htija u piena.

**Analizi tal-provi**

Illi, fil-kamp penali, kif inhu ben risaput, trid issir il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni dwar il-kummissjoni o meno tal-att minn naha tal-imputat, li jista' jwassal ghal sejbien ta' htija.

Mill-provi rrizulta li bejn meta l-imputat ħalla d-dar matrimonjali u meta saret l-ispezzjoni kien hemm trapass ta' żmien li f'dak it-trapass ta' żmien iċ-ċavetta u l-pussess tad-dar ma kienx f'idejn l-imputat kif xehed ix-xhud Benny Mercieca, gentlom maghruf fir-rahal tax-Xewkija.

Il-Qorti ma għandha l-ebda prova minn naħa tal-Prosekuzzjoni li fuqha tista' torbot li dan ir-reat ġie kommess mill-imputat.

Punt iehor importanti hu li lanqas ma rriżulta li l-meter kien b'xi mod imbagħbas. L-impjegati tal-EneMalta xehdu biss illi dan il-meter kellu xi siġill, lanqas is-siġilli kollha li ma kienx jaqbel ma'

dak li kellhom fir-records li kien hemm li kien ġie mwaħħal oriġinarjament.

Però ma ġabux il-prova li b'xi mod tista' jkun hemm xi konnessjoni bejn dak is-siġill u l-imputat.

Lanqas inhatar espert biex janalizza l-meter in kwistjoni u ma ttiehdux prekawzjonijiet biex tkun priservata x-xena tal-allegat reat.

Il-Qorti lanqas tista' toqghod fuq stima biex tasal li tiddeciedi jekk kienx hemm serq u kemm kien il-valur.

Dwar dan il-punt il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Bruno**:[5]

> Din il-Qorti, pero`, tosserva li hawn si tratta ta' periodu ta' aktar minn erba' snin – minn wara Novembru 1989 sat-13 ta' April, 1994. Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex issir il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-*record of consumption* **li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm)** serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, **kellha tingieb prova tal-*load* ta' l-apparat elettriku f'dak il-periodu**. Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-ahwa Mifsud ma staqsewhomx x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond qabel ma huma hadu l-hanut f'idejhom; <u>l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l-punt; u meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti Inferjuri ma sarx l-icken tentattiv sabiex in kontro-</u>

[5] Appell Nru 129/00; Deciz 31 ta' Mejju, 2000, per Onor. Imhallef Dr. Vincent Degaetano

> ezami jigi b'xi mod stabbilit x'apparat elettriku u/jew x'sistema ta' dawl kellu fil-periodu inkriminat fil-fond in kwistjoni. Huwa veru li s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 264 tal-Kodici Kriminali johloq presunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari – cioe` il-fatt jekk l-akkuzat kienx jaf bl-uzu jew konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkuzat.
>
> Jekk l-akkuzat ikun jaf, jew hu presunt li kien jaf, b'dak il-konsum illegali allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu. Pero` hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm uzu jew konsum illegali, cioe` serq, tal-ilma, gass jew elettriku. In fatti jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 264(2) minghajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku. Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat. [enfasi u sottolinejar tal-Qorti]

Ghalhekk fil-kamp penali hu d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza sa l-inqas dettal u ma jispettax lill-imputat jipprova hu kemm kien ilu jisraq id-dawl jew li jipprova x'kellu magni jew apparat iehor li juza d-dawl tul il-medda taz-zmien li gie akkuzat li fih wettaq is-serq imputat lilu!

Illi l-unika ufficcjal li ttenta jaghmel din l-investigazzjoni u jidhol aktar fil-fond sabiex jikkonstata kemm seta' kien l-ammont ta' dawl hekk misruq, kien biss l-ufficjal tal-Enemalta li xehed f'dawn il-proceduri, izda dan sar unikament bil-ghan li jekk jintlahaq ftehim amministrattiv ikun maghruf il-hlas dovut. Galadarba l-Pulizija

ghazlet li tohrog akkuzi fuq serq, kien fid-dmir taghha li taghmel id-debita prova dwar l-ammont tas-serq hekk addebitat lill-akkuzat.

Din il-Qorti qatt ma waslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett.

Illi ghalkemm jista' jkun hemm suspett f'dan il-kaz, madanakollu din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuza migjuba kontrih.

Mir-rizultanzi processwali ghalhekk ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li Camilleri ghamel *tampering*, tbaghbis u cioe` serq fuq il-meter tad-dawl fil-fond fil-perjodu li kien gestit minnu.

**Decide:**

Il-Qorti ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**